ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

# C 199

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 56
11 ta' Lulju 2013

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 199/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6921 – IBM Italia/UBIS) ([1]) ....... 1

2013/C 199/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6873 – IntercontinentalExchange/NYSE Euronext) ([1]) ........ 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2013/C 199/03 Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2013 li taħtar il-President tal-Bordijiet ta' Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Diżinji) ........ 2

**MT**

**Prezz:**
**EUR 3**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2013/C 199/04 Rata tal-kambju tal-euro ..... 3

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

**Awtorità ta' Sorveljanza EFTA**

2013/C 199/05 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1 j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat) ..... 4

2013/C 199/06 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1 j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat) ..... 8

2013/C 199/07 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1 j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa)) ..... 10

2013/C 199/08 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1 j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa)) ..... 11

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)**

2013/C 199/09 Avviż ta' kompetizzjonijiet ġenerali ..... 12

MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.6921 – IBM Italia/UBIS)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 199/01)

Fid-19 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32013M6921. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.6873 – IntercontinentalExchange/NYSE Euronext)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 199/02)

Fl-24 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32013M6873. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tad-9 ta' Lulju 2013**

**li taħtar il-President tal-Bordijiet ta' Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinji)**

(2013/C 199/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-kandidaturi ppreżentati mill-Bord Amministrattiv tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinji) tal-31 ta' Mejju 2013,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Théophilos MARGELLOS, imwieled f'Ateni fil-21 ta' Novembru 1953, huwa b'dan maħtur President tal-Bordijiet ta' Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinji) għal mandat ta' ħames snin.

*Artikolu 2*

Id-data li fiha għandu jibda l-mandat ta' ħames snin imsemmi fl-Artikolu 1 għandha tiġi ddeterminata mill-Bord Amministrattiv tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinji).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. ŠADŽIUS

[1] ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro (1)

**L-10 ta' Lulju 2013**

(2013/C 199/04)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,2813 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3935 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 128,44 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3475 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4584 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,9390 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,86020 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6316 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,6767 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6351 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2440 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 456,31 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 12,8710 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,8550 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,8601 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,5400 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,929 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 768,65 |
| HUF | Forint Ungeriż | 294,00 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,0743 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 55,555 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7022 | RUB | Rouble Russu | 42,1710 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,3325 | THB | Baht Tajlandiż | 40,066 |
| RON | Leu Rumen | 4,4333 | BRL | Real Brażiljan | 2,8990 |
| TRY | Lira Turka | 2,4938 | MXN | Peso Messikan | 16,5358 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 76,4360 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

# AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

**Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1 j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat)**

(2013/C 199/05)

PARTI I

| | | |
|---|---|---|
| Għajnuna Nru | GBER 3/13/REG | |
| L-Istat tal-EFTA | In-Norveġja | |
| Reġjun | Isem ir-Reġjun (NUTS)<br>Il-Kontea ta' Telemark | L-istatus tal-għajnuna reġjonali<br>Żoni misti |
| L-awtorità li tagħti l-għajnuna | Isem | Telemark Utviklingsfond/Il-Fond ta' Żvilupp ta' Telemark |
| | Indirizz<br><br>Il-paġna tal-internet | PO Box 2844<br>3702 Skien<br>NORWAY<br><br>http://www.telemarkutviklingsfond.no |
| It-titolu tal-miżura ta' għajnuna | Telemark Utviklingsfonds støtteordning/L-Iskema ta' Għajnuna tal-Fond ta' Żvilupp ta' Telemark | |
| Il-bażi legali nazzjonali (Referenza għall-pubblikazzjoni nazzjonali uffiċjali rilevanti) | Telemark Utviklingsfond/Il-Fond ta' Żvilupp ta' Telemark huwa stabbilit skont ftehim datat id-9 ta' Diċembru 2009 bejn il-Kontea ta' Telemark fuq naħa u tmien muniċipalitajiet fuq in-naħa l-oħra (Fyresdal, Hjartdal, Kvitseid, Nissedal, Seljord, Tinn, Tokke u Vinje).<br>Il-Fond se jagħti l-għajnuna skont il-liġijiet amministrattivi/statuti tal-Fond, fejn hemm iddikjarat li l-għajnuna tingħata b'mod konformi mar-regoli taż-ŻEE dwar l-Għajnuna mill-Istati u użati għall-iżvilupp fil-Kontea ta' Telemark. Barra minn hekk, il-Fond se jidħol fi ftehimiet mar-riċevituri tal-għajnuna. | |
| Il-weblink għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna | It-test sħiħ se jkun disponibbli fuq: http://www.telemarkutviklingsfond.no/ | |
| It-tip ta' miżura | Skema | Iva |
| Durata | Skema | 1.3.2013 sa 31.12.2013<br>1.3.2013 sa 3.6.2014 fir-rigward tal-għajnuna reġjonali. |
| Is-settur(i) ekonomiku/ekonomiċi kkonċernat(i) | Is-setturi ekonomiċi kollha eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | Iva |

| | | |
|---|---|---|
| It-tip ta' benefiċjarju | SME | Iva |
| | Intrapriżi kbar | Iva |
| Baġit | L-ammont totali annwali tal-baġit ppjanat skont l-iskema | Baġit annwali: Madwar NOK 35 biljun |
| L-istrument tal-għajnuna (l-Art. 5) | Għotja | Iva |
| | Self | Iva |

PARTI II

| Għanijiet Ġenerali (lista) | Għanijiet (lista) | Intensità massima ta' għajnuna f'% jew l-ammont massimu ta' għajnuna f'NOK | SME – bonusijiet f'% |
|---|---|---|---|
| Għajnuna reġjonali għall-investiment u l-impjieg | Skema | 15 % | 10 % għall-intrapriżi medji<br>20 % għall-intrapriżi żgħar |
| Għajnuna għall-intrapriżi żgħar ġodda (l-Art. 14) | | 25 % fl-ewwel tliet snin wara l-ħolqien tal-intrapriża.<br>15 % fis-sentejn ta' wara<br>L-ammont ta' Għajnuna Massima għal kull intrapriża; EUR 1 miljun. L-ammont annwali ta' għajnuna għal kull intrapriża ma għandux jeċċedi t-33 % tal-ammont massimu ta' għajnuna. | 0 % |
| Għajnuna tal-SMEs għall-investiment u l-impjieg (l-Art. 15) | | 20 % għall-intrapriżi żgħar<br>10 % għall-intrapriżi medji | 0 % |
| Għajnuna għall-intrapriżi żgħar ġodda ffurmati minn intraprendituri nisa (l-Art. 16) | | 15 %<br>L-ammont ta' Għajnuna Massima għal kull benefiċjarju; EUR 1 miljun. L-ammont annwali ta' għajnuna għal kull intrapriża ma għandux jeċċedi t-33 % tal-ammont massimu ta' għajnuna. | 0 % |
| Għajnuna għall-ħarsien tal-Ambjent (l-Art. 17-25) | Għajnuna fl-investiment ambjentali għal miżuri li jiffrankaw l-enerġija (l-Art. 21) | 60 % jekk ikkalkulat skont l-Artikolu 21 numru 1 punt a)<br>20 % jekk ikkalkulat skont l-Artikolu 21 numru 1 punt a) | 10 % għall-intrapriżi medji<br>20 % għall-intrapriżi żgħar |

| Għanijiet Ġenerali (lista) | Għanijiet (lista) | | Intensità massima ta' għajnuna f'% jew l-ammont massimu ta' għajnuna f'NOK | SME – bonusijiet f'% |
|---|---|---|---|---|
| Għajnuna għall-konsulenza u l-parteċipazzjoni tal-SMEs f'fieri (l-Art. 26-27) | Għajnuna għall-konsulenza favur SMEs (l-Art. 26) | | 50 % | 0 % |
| | Għajnuna għall-parteċipazzjoni tal-SMEs f'fieri (l-Art. 27) | | 50 % | 0 % |
| Għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (l-Art. 30-37) | Għajnuna għal proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp (l-Art. 31) | Riċerka fundamentali (l-Art. 31(2)(a)) | 100 % | 0 % |
| | | Riċerka industrijali (Art. 31(2)(b)) | 50 % | 10 % għall-intrapriżi medji<br>20 % għall-intrapriżi żgħar<br>(Jista' jkun hemm żieda ta' 15 % għall-intrapriżi kollha, sa intensità massima ta' għajnuna ta' 80 % jekk il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 31(4)(b) (i/ii/iii) ikunu ssodisfati.) |
| | | Żvilupp sperimentali (l-Art. 31(2)(c)) | 25 % | 10 % għall-intrapriżi medji<br>20 % għall-intrapriżi żgħar<br>(Jista' jkun hemm żieda ta' 15 % għall-intrapriżi kollha, sa intensità massima ta' għajnuna ta' 80 % jekk il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 31(4)(b) (i/ii/iii) ikunu ssodisfati.) |
| | Għajnuna għal studji tekniċi ta' vijabilità (l-Art. 32) | | 65 % għal studji qabel attivitajiet ta' riċerka industrijali<br>40 % għal studji qabel attivitajiet ta' żvilupp sperimentali | 10 % għall-intrapriżi żgħar u medji |
| | Għajnuna għall-ispejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali għall-SMEs (l-Art. 33) | | 100 % għall-ispejjeż marbuta mar-riċerka fundamentali<br>50 % għall-ispejjeż marbuta mar-riċerka industrijali<br>25 % għall-ispejjeż marbuta mal-iżvilupp sperimentali | 10 % għall-intrapriżi medji<br>20 % għall-intrapriżi żgħar<br>(Jista' jkun hemm żieda ta' 15 % għall-intrapriżi kollha, sa intensità massima ta' għajnuna ta' 80 % jekk il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 31(4)(b) (i/ii/iii) ikunu ssodisfati.) |
| | Għajnuna għall-intrapriżi innovattivi żgħar (l-Art. 35) | | EUR 1,25 miljun għall-intrapriżi li jinsabu f'reġjuni eliġibbli għall-għajnuna reġjonali skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE.<br>EUR 1 miljun għal benefiċjarji oħrajn. | |

| Għanijiet Ġenerali (lista) | Għanijiet (lista) | Intensità massima ta' għajnuna f'% jew l-ammont massimu ta' għajnuna f'NOK | SME – bonusijiet f'% |
|---|---|---|---|
| | Għajnuna għal servizzi ta' konsulenza tal-innovazzjoni u għal servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni (l-Art. 36) | EUR 200 000 għal kull intrapriża matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin. | |
| | Għajnuna għal self ta' persunal bi kwalifiki għoljin (l-Art. 37) | 50 % | |
| Għajnuna għat-taħriġ (l-Art. 38-39) | Taħriġ speċifiku (l-Art. 381) | 25 % | 10 % għall-intrapriżi medji<br>20 % għall-intrapriżi żgħar |
| | Taħriġ ġenerali (l-Art. 382) | 60 % | 10 % għall-intrapriżi medji<br>20 % għall-intrapriżi żgħar |

**Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1 j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat)**

(2013/C 199/06)

PARTI I

| | | |
|---|---|---|
| Għajnuna Nru | GBER 5/13/INN | |
| L-Istat tal-EFTA | In-Norveġja | |
| Ir-reġjun | Oslo u Akershus | L-istatus tal-għajnuna reġjonali |
| L-awtorità li tagħti l-għajnuna | Isem | Il-belt ta' Oslo |
| | Indirizz<br><br><br>paġna tal-internet | City Hall<br>0037 Oslo<br>NORWAY<br>http://www.oslo.kommune.no |
| It-titolu tal-miżura ta' għajnuna | Il-Programm Innovazzjoni Reġjonali tal-2013 | |
| Il-bażi legali nazzjonali (Referenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali rilevanti) | Prop. 1 S (2012-2013)<br>http://www.regjeringen.no/nb/dep/fin/dok/regpubl/prop/2012-2013/prop-1-s-20122013--20122013.html?id=703367 | |
| Il-weblink għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna | http://www.akershus.no/tema/naering/Arkiv/?article_id=57850 | |
| It-tip ta' miżura | Skema | Iva |
| | Għajnuna *ad hoc* | Mhux applikabbli |
| Durata | Skema | 1.1.2013 għal 31.12.2013 |
| Is-settur(i) ekonomiku/ekonomiċi kkonċernat(i) | Is-setturi ekonomiċi kollha eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | Is-setturi kollha |
| It-tip ta' benefiċjarju | SME | Iva |
| | Intrapriżi kbar | Iva |
| Baġit | L-ammont totali annwali tal-baġit ppjanat skont l-iskema | L-ammont totali (2013)<br>NOK 10 430 000 |
| L-istrument tal-għajnuna (l-Art. 5) | Għotja | Iva |

PARTI II

| Għanijiet Ġenerali (lista) | Għanijiet (lista) | Intensità Massima ta' għajnuna f'% jew l-ammont Massimu ta' għajnuna f'NOK | SME – bonusijiet f'% |
|---|---|---|---|
| Għajnuna għall-konsulenza favur l-SMEs u l-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-fieri (l-Art. 26-27) | Għajnuniet għall-konsulenza favur l-SMEs (l-Art. 26) | 50 % | |

| Għanijiet Ġenerali (lista) | Għanijiet (lista) | | Intensità Massima ta' għajnuna f'% jew l-ammont Massimu ta' għajnuna f'NOK | SME – bonusijiet f'% |
|---|---|---|---|---|
| Għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (l-Art. 30-37) | Għajnuna għal proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp (l-Art. 31) | Riċerka fundamentali (l-Art. 31(2)(a)) | Mhux applikabbli | |
| | | Riċerka industrijali (l-Art. 31(2)(b)) | Mhux applikabbli | |
| | | Żvilupp sperimentali (l-Art. 31(2)(c)) | Mhux applikabbli | |
| | Għajnuna għall-istudji tekniċi ta' vijabbiltà (l-Art. 32) | | Mhux applikabbli | |
| | Għajnuna għal spejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali għall-SMEs (l-Art. 33) | | Mhux applikabbli | |
| | Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur agrikolu u fis-settur tas-sajd (l-Art. 34) | | Mhux applikabbli | |
| | Għajnuna għall-intrapriżi innovattivi li m'il-homx li bdew (l-Art. 35) | | EUR 1 miljun | |
| | Għajnuna għal servizzi ta' konsulenza tal-innovazzjoni u għal servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni (l-Art. 36) | | EUR 200 000 għal kull benefiċjarju fi kwalunkwe perjodu ta' 3 snin | |
| | Għajnuna għas-self ta' persuna bi kwalifiki għolja (l-Art. 37) | | Mhux applikabbli | |
| Għajnuna għat-taħriġ (l-Art. 38-39) | Taħriġ speċifiku (l-Art. 38(1)) | | 25 % | |
| | Taħriġ ġenerali (l-Art. 38(2)) | | 60 % | |

**Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1 j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa))**

(2013/C 199/07)

PARTI I

| | | |
|---|---|---|
| Għajnuna Nru | GBER 6/13/EMP | |
| L-Istat tal-EFTA | In-Norveġja | |
| L-awtorità awtorizzanti | Isem | L-Amministrazzjoni Norvegiza tax-Xoghol u l-Protezzjoni Soċjali |
| | Indirizz | PO Box 5<br>0130 Oslo<br>NORWAY |
| | Il-paġna tal-internet | http://www.nav.no |
| It-titolu tal-miżura ta' għajnuna | Tilskudd til opprettelse av nye tiltaksplasser<br>(Għotja li tkopri l-kost tal-kostruzzjoni, l-installazzjoni jew l-espansjoni tal-istabbiliment tal-impjiegi protetti) | |
| Il-bażi ġuridika nazzjonali (Referenza għall-pubblikazzjoni nazzjonali uffiċjali rilevanti) | Forskrift 11. desember 2008 nr. 1320 om arbeidsrettede tiltak mv. (Reg. No 1320/2008) | |
| Il-link tal-internet għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna | http://www.lovdata.no/for/sf/ad/xd-20081211-1320.html#map016 | |
| It-tip ta' miżura | Skema | X |
| Tul ta' żmien | Skema | Skema permanenti |
| Is-settur(i) ekonomiku/ekonomiċi kkonċernat(i) | Is-setturi ekonomiċi kollha eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | X |
| It-tip ta' benefiċjarju | SME | X |
| | Impriżi kbar | X |
| Baġit | L-ammont totali annwali tal-baġit ippjanat skont l-iskema | Madwar NOK 5 miljun |
| L-istrument tal-għajnuna (Artikolu 5) | Għotja | X |

PARTI II

| L-Għanijiet Ġenerali (lista) | L-Għanijiet (lista) | L-intensità massima ta' għajnuna f'% jew l-ammont massimu ta' għajnuna f'NOK | SME – bonusijiet f'% |
|---|---|---|---|
| Għajnuna għal ħaddiema żvantaġġati u b'diżabbiltà (Artikoli 40-42) | Għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati fil-forma ta' sussidji għall-pagi (Artikolu 40) | Sussidji għall-pagi sa 50 %, għal massimu ta' sena | |
| | Għajnuna għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabbiltà fil-forma ta' sussidji għall-pagi (Artikolu 41) | Sussidji għall-pagi sa 60 %, għal massimu ta' tliet snien | |

**Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1 j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa))**

(2013/C 199/08)

PARTI I

| | | |
|---|---|---|
| Għajnuna Nru | GBER 7/13/EMP | |
| L-Istat tal-EFTA | In-Norveġja | |
| L-awtorità awtorizzanti | Isem | L-Amministrazzjoni Norveġiża tax-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali |
| | L-indirizz u<br><br><br>l-paġna tal-internet | PO Box 5<br>0130 Oslo<br>NORWAY<br>http://www.nav.no |
| It-titolu tal-miżura ta' għajnuna | Tilskudd til teknisk tilrettelegging<br>(Għotja għall-faċilitazzjoni teknika) | |
| Il-bażi ġuridika nazzjonali (Referenza għall-pubblikazzjoni nazzjonali uffiċjali rilevanti) | Forskrift 11. desember 2008 nr. 1320 om arbeidsrettede tiltak mv.<br>(Reg. Nru 1320/2008) | |
| Il-link tal-internet għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna | http://www.lovdata.no/for/sf/ad/xd-20081211-1320.html#map017 | |
| It-tip ta' miżura | Skema | X |
| Tul ta' żmien | Skema | Skema permanenti |
| Is-settur(i) ekonomiku/ekonomiċi kkonċernat(i) | Is-setturi ekonomiċi kollha eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | X |
| It-tip ta' benefiċjarju | SME | X |
| | Impriżi kbar | X |
| Baġit | L-ammont totali annwali tal-baġit ippjanat skont l-iskema | Madwar NOK 0,7 miljun |
| L-istrument tal-għajnuna (Artikolu 5) | Għotja | X |

PARTI II

| L-Għanijiet Ġenerali (lista) | L-Għanijiet (lista) | L-intensità massima ta' għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna f'NOK | SME – bonusijiet f' % |
|---|---|---|---|
| Għajnuna għal ħaddiema żvantaġġati u b'diżabbiltà (Artikoli 40-42) | Għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati fil-forma ta' sussidji għall-pagi (Artikolu 40) | Sussidji għall-pagi sa 50 %, għal massimu ta' sena | |
| | Għajnuna għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabbiltà fil-forma ta' sussidji għall-pagi (Artikolu 41) | Sussidji għall-pagi sa 60 %, għal massimu ta' tliet snin | |

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI (TAL-PERSUNAL (EPSO)

## AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONIJIET ĠENERALI

(2013/C 199/09)

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza dawn il-kompetizzjonijiet ġenerali:

EPSO/AD/260/13 – tradutturi (AD 5) tal-lingwa Daniża (DA)

EPSO/AD/261/13 – tradutturi (AD 5) tal-lingwa Ingliża (EN)

EPSO/AD/262/13 – tradutturi (AD 5) tal-lingwa Franċiża (FR)

EPSO/AD/263/13 – tradutturi (AD 5) tal-lingwa Taljana (IT)

EPSO/AD/264/13 – tradutturi (AD 5) tal-lingwa Maltija (MT)

EPSO/AD/265/13 – tradutturi (AD 5) tal-lingwa Olandiża (NL)

EPSO/AD/266/13 – tradutturi (AD 5) tal-lingwa Slovena (SL)

L-avviż tal-kompetizzjonijiet huwa ppubblikat f'24 lingwa f'Il-Ġurnal Uffiċjali C 199 A tal-11 ta' Lulju 2013.

Għal aktar tagħrif ikkonsulta l-websajt tal-EPSO http://blogs.ec.europa.eu/eu-careers.info/

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6958 – CD&R/We Buy Any Car)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 199/10)

1. Fl-4 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża CDR Osprey (Cayman) Partners L.P. ("CDR", l-Istati Uniti tal-Amerika), takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet kontroll uniku fuq We Buy Any Car Limited ("WBAC", ir-Renju Unit), li l-kontroll aħħari tagħha huwa f'idejn Pennine Metals B Limited, ir-Renju Unit, permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal CD&R: grupp ta' investiment f'ekwità privata, li jikkontrolla, fost l-oħrajn, lil BCA Remarketing Ltd, kumpanija b'responsabbiltà limitata fir-Renju Unit li toffri servizzi ta' rkant ta' vetturi użati bl-ingrossa,

— għal WBAC: kumpanija limitata fir-Renju Unit attiva fis-settur tal-vetturi użati, li toffri servizzi lill-pubbliku ġenerali ta' xiri ta' vetturi użati onlajn.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6958 – CD&R/We Buy Any Car, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6929 – Lotte Chemical Corporation/Versalis/JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 199/11)

1. Fl-4 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Lotte Chemical Corporation ("LCC", Korea), li tappartjeni lill-Grupp Lotte ("Lotte", il-Ġappun u l-Korea), u l-impriża Versalis SpA ("Versalis", l-Italja), ikkontrollata minn Eni SpA ("Eni", l-Italja), jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta (JV, Korea) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— LCC hija involuta fil-produzzjoni ta' firxa estensiva ta' prodotti petrokimiċi, inklużi plastik, materjali sintetiċi u sustanzi kimiċi bażiċi, HDPE, PP u MEG,

— Lotte huwa grupp azzjonarju diversifikat b'interessi f'ħafna setturi bħalma huma l-ikel, il-bejgħ bl-imnut, il-lukandi, is-sustanzi kimiċi, il-kostruzzjoni u l-finanzi,

— Versalis hija attiva fil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' portafoll wiesa' ta' prodotti petrokimiċi, kif ukoll fil-bejgħ ta' liċenzji li jirrigwardaw it-teknoloġiji u l-għarfien tagħha,

— Eni huwa grupp integrat tal-enerġija attiv fl-esplorazzjoni, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni taż-żejt u tal-gass, fil-ġenerazzjoni tal-elettriku, fis-settur tas-sustanzi petrokimiċi, fis-servizzi marbutin mal-medda taż-żejt, u fl-industriji tal-kostruzzjoni u tal-inġinerija,

— l-impriża konġunta se tiżviluppa u topera kumpless ta' sustanzi petrokimiċi bbażat fil-Korea, għall-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' ċerti elastomeri.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6929 – Lotte Chemical Corporation/Versalis/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6986 – Bain Capital/Maisons du Monde)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 199/12)

1. Fl-4 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Bain Capital Investors, LLC ("Bain Capital", l-Istati Uniti) takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-Grupp Maisons du Monde, ("MDM Group", Franza) permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Bain Capital: impriża tal-investimenti ta' ekwità privata,

— għall-Grupp MDM: il-bejgħ bl-imnut ta' oġġetti ta' arredament u għamara.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6986 – Bain Capital/Maisons du Monde, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2013/C 199/10 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6958 – CD&R/We Buy Any Car) [1] ......... 13

2013/C 199/11 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6929 – Lotte Chemical Corporation/Versalis/JV) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ......... 14

2013/C 199/12 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6986 – Bain Capital/Maisons du Monde) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ......... 15


MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT